MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Numru. 1502/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Jason Emmanuel Briffa ta' 37 sena iben Gaetano Joseph u Aida Maria nee' Cunnigham, imwieled Auburn, Sydney (Australia) fid-9 ta' Dicembru 1974 u li joqghod fi Triton, Flat numru 3, Triq il-Knisja, San Giljan, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 121193(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jason Emmanuel Briffa akkuzat talli f'Dicembru 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin ghad-dannu ta' Marcette Fabri, u John Vella u ta'l-istabbilimenti/kumpaniji Xtreme Company Ltd. U St.Simon Pharmacy.

B'hekk l-imputat Jason Emmanuel Briffa sar recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu midbula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Frar 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' April 2011, l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi fid-dawl ta' dina l-ammissjoni, kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha prodotti f'dan

l-iter processwali, l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-imputat hati ta'l-akkuzi addebitati lilu fid-dawl ta'l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju tat-28 ta' Frar 2008.

Illi meta tigi biex tiqes il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi. Jidher mill-atti processwali illi l-imputat kellu problema serja ta' vizzju ta' droga. Dana il-vizzju kien qed wiasslu sabiex jikkometti ir-reati addebitati lilu f'dina l-kawza. L-imputat sar frodist u dana biex jissostanzja il-vizzju tieghu tad-droga, tant illi dina l-Qorti kif ippresjeduta diga kellha okkazzjoni tinfliggi piena karcerarja fuq l-imputat minhabba reati simili kommessi minnu. Jidher madanakollu illi il-perijodu taz-zmien li l-imputat kien taht detenzjoni serva sabiex huwa igharaf il-gravita tal-vizzju li kien afflitt minnu. Fil-fatt l-imputat segwa b'success programm residenzjali ta' ribailitazzjoni mill-vizzju tad-droga u illum jidher illi l-imputat irriforma hajtu, qed jahdem u qieghed jipprova jaghmel tajjeb ghal hsara li sofrew diversi nies minn taht idejh.[1] Fil-fatt jidher illi ghandu impieg tajjeb u ta' certu responsabbilta' u ghalhekk jista' ikun f'posizzjoni li jikkumpensa lil-vittmi ghal hsara li sofrew.

Il-Qorti ghalhekk ghandha tama mill-gdid illi l-imputat jista' jirriforma hajtu u ghalhekk piena karcerarja effettiva issa m'hijiex ser tkun ta' ghajnuna ghalih. Il-Qorti tikkondividi dak mistqarr minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta f'sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charlo' Aquilina fejn hemmhekk il-Qorti anke ghamlet referenza ghal dak mistqarr mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali u minn gurisprudenza ohra:

"Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Farrugia' fejn intqal is-segwenti :-

[1] Ara xhieda ta' Ray Grech a fol.90 u ta' Vicky Scicluna a fol.105, it-tnejn in rappresentanza tas-SEDQA

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

**"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22,23) U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation :**

**'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character' (p. 236)."**

Illi ghaldaqstant ghalkemm l-imputat huwa recidiv il-Qorti ser tghaddi sabiex tapplika l-provedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama illi l-imputat jibqa miexi fit-triq it-tajba kif jidher illi issa qieghed jaghmel.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' probation jew jekk jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' tlett snin.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati ihallas lil parti leza Marcette Fabri u is-socjeta Xtreme Company Limited s-somma ta' €952.23 u lil John Vella s-somma ta' €1677.15 u dana fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------